**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA.,LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Pio Pisani)

**vs**

**Jonathan Bonello**

Illum 12 ta` Dicembru 2001.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Jonathan Bonello, ta` 25 sena, bin Vincent u Mary nee` Attard, imwieled Pieta` fl-14 ta` Jannar 1946 u joqghod Andorra Flats, Flat 2, Triq il-Wiesgha, Xaghjra, Zabbar, ID 80376 (M) talli f`dawn il-Gzejjer, f`San Pawl il-Bahar, fit-22 ta` Mejju 2001 ghall-habta tal-11.00 am., minghajr il-hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta` Tania Borg f`periklu car:

**1.** Ikkaguna hsara fil-gisem ta` Tania Borg u cioe` f`saqajha u fil-halq ta` Tania borg u dan kif iccertifikat it-Tabiba Salvina Zrinzo MD u t-tabib Vincent Gauci MD, liema hsara hija gravi u dan ghalhiex damet tletin gurnata jew izjed, inkella damet daqshekk zmien biex zammet lil Tania Borg milli tmur ghax-xoghol;

**2.** Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, minghajr ordni skond il-ligi, tal-awtorita` kompetenti, barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Tania Borg kontra l-volonta` taghha;

**3.** Talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe` fuq il-karrozzi IBC-514 tal-marka Mitsubishi, u karrozza bin-numru CAH-729 tal-marka Suzuki Alto, propjeta` ta` John Micallef liema hsara tammonta ghal Lm460;

**4.** Talli f`dawn il-Gzejjer, u cioe` f`San Pawl il-Bahar, fil-15 ta` Awissu 2001, ikkaguna hsara fuq il-gisem ta` Tania Borg, liema hsara hija ta` natura hafifa kif iccertifika it-Tabib M Micallef tal-Isptar San Luqa.

**5.** Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi hebb kontra Tania Borg sabiex jingurja jew jaghmlilha hsara.

**6.** Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti, u qal ukoll kliem jew espressjonijiet ta` dagha;

**7.** Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta` l-awtorita` jew ta` wiehed inkarigat minn servizz pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370 (4) tal-Kapitolu 9.

Rat li l-akkuzat ma joggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-akkuza migjuba kontrih.

Issibu hati;

Rat l-Artikoli 214,215, 216 (d), 325 (b), 339 (d), 338 (bb), 342, 338 (ee) kif ukoll l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9.

Jidhrilha li ghandha tapplika l-imsemmi Artiklolu 28A tal-Kapitolu 9 stante il-kondotta nadifa ta` l-akkuzat u

stante li illum stess hallas lil John Micallef ghall-hsara li saritlu fil-vettura tieghu.

Tikkundannah **sena habs, liema sentenza m`ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija fi zmien tlett snin (3) mill-lum.**

Il-Qorti qed tghati lill-akkuzat it-twissijiet skond il-ligi.

Vera kopja

Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep RegT